## XJENZA.........

*Harġu mid-dlam l-egħġubijiet kotrana*
*B'għodod ix-Xjenza; u safa'. ċ-ċkejken kbir,*
*Il-b'għod ġie ħdejna b'lentijiet setgħana,*
*Il-ħajja, fuq liżar, mill-ġdid issir.*

*Mhux kull ma miet imut: il-kliem u l-għana*
*Jiġġeddu f'disk, b'leħenhom, mat-tidwir;*
*Mewġ l-ajru jwassal f'berqa l-ilħna tagħna,*
*Bħall-art u l-baħar l-ajru safa' lsir.*

*Imbierek għerf il-bniedem li sar jara*
*L-iġsma minn ġewwa, u sab fejqan mardiethom*
*B'għodod tal-għaġeb u duwiet saħħara.*

*'Ma qalbi tgħid — li kienet ħolma din! —*
*"Ix-Xjenza tgħaqqad l-artijiet bejniethom*
*Biex targa' mbagħad tifridhom minn xulxin!"*

DUN FRANS CAMILLERI.

## ~~IX-XEMX TA' MEJJU~~

~~*Hija din bewstek, xemx ta' Mejju rżina,*~~
~~*Li qiegħda xxaħwaħ iż-żiffa tar-rebbiegħa?*~~
~~*Għax hawn, waqt li dwari l-vjoletti ċkejkna*~~
~~*Qegħdin ifewħu l-arja,*~~
~~*Inħoss bħal nifs għajjien, għajjien jissajja,*~~
~~*Mgħobbi, għaddej b'erwieħ blanzuni ġodda,*~~
~~*Biex itihom il-ħajja.*~~
~~*Int tħares kollok ħniena; ħalib sidrek*~~
~~*Jiftaħ il-qronfla; u ġmielek*~~
~~*Urajh isaħħar għajnejn il-ward tax-xemx.*~~
~~*Nara fuq kollox in-Natura għaddejja.*~~
~~*B'rabta ta' mħabba torbot il-ħolqien;*~~
~~*Imbagħad inkiss, inkiss,*~~

~~*Tmiss 'il għajnejja u taħbihom f'ħolma.*~~
~~*Tisqi lil sidri b'għaslitha bnin u ħlejju.*~~
~~*U, taħt il-bewsa ta' Mejju,*~~
~~*Twilled, żagħżugħa, fija,*~~
~~*Il-Poeżija.*~~

~~24.5.52.~~ ~~G. B. CASSAR.~~